MALTA

# FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum t-Tlieta, 11 ta' Dicembru 2018**

Rikors Numru 176/2018

**Anthony (108553M) u Mary (745648M) konjugi Borg**

**vs**

**Alexia Grima**
**(ID 418982M)**

Il-Bord,

### Premessi

1. Ra ir-rikors guramentat promotur ippresentat fl-30 ta' Ottubru 2018 fejn ir-rikorrenti talbu is-segwenti:

   *Illi r-Rikorrenti huma s-sidien tal-fond residenzjali Apt 39 A, Triq il-Brolli Birzebbugia u dana skont il-kuntratt ta' komprovendita datat 20 t' April 1987 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Arthur Ebejer (Dok. 'A')*

   *Illi permez ta' skrittura privata datata 4 ta' Marzu 2018 (Dok. B) l-imsemmi fond gie mikri lill-Intimata ghall-perjodu ta' sitt xhur u cioe sa l-4 ta' Settembru 2018;*

   *Illi minkeja illi ghadda l-imsemmi terminu u minkeja diversi interpellanzi kemm verbali da parti tar-rikorrenti kif ukoll bil-miktub (vide Dok. C), l-intimata baqghet tiddetjeni l-imsemmi fond a detriment tar-rikorrenti;*

   *Illi ghalhekk fil-jum tal-presentata tal-presenti kawza, I-Intimata qieghda tiddetjeni l-imsemmi fond minghajr ebda titolu fil-ligi u dana billi illum m'hemm 1-ebda lokazzjoni.*

   *Illi r-Rikorrenti kellhom iressqu din il-kawza billi l-Intimata baqghet inadempjenti;*

*Illi ghalhekk I-Intimata fil-kawza odjerna m'ghandha l-ebda linja difensjonali x'taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talba tar-Rikorrenti u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kollha ikkontemplati fl-Art. 16A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta halli din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;*

*Ghaldaqstant ir-Rikorrenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu;*

*1. Jilqa t-talba ghall-izgumbrament tal-Intimata minghajr ma tghaddi ghas-smiegh tal- kawza;*

*2. Tordna l-izgumbrament tal-Intimata mill-fond residenzjali bl-indirizz. Apt 39 A, Triq il-Brolli, Birzebbugia.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-Intimata u bl-ingunzjoni tal-Intimata minn issa ghas-subizzjoni.*

*B'riserva minn issa ghall-azzioni in linea ta' danni fil-konfront tal-Intimata ghall-okkupazzjoni illegali taghha u ghad-danni subiti mir-Rikorrenti.*

2. Ra l-Affidavit ta' Anthony Borg flimkien mal-Att pubbliku datat 20 ta' April 1987, l-isrkttura ta' lokazzjoni datata 4 ta' Marzu 2018 u l-Ittra Legali datat 17 ta' Ottubru 2018.

3. Ra illi l-Bord appunta r-rikors ghal 10 ta' Dicembru 2018 u ordna n-notifika lill-kontro parti illi giet ordnata tidher dakinhar sabiex tirrispondi ghal dak mitlub.

4. Ra illi r-rikors gie notifikat lill-intimata fit 13 ta' Novembru 2018.

5. Ra illi fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2018, l-intimata, debitament notifikata, imsejjha diversi drabi ma dehritx.

6. Ra illi r-rikorrenti talbu lill-Bord sabiex jghaddi ghas-sentenza abbazi tad-dokumentazzjoni minnhom ppresentata.

**Provi**

1. Ra illi jirrizulta illi r-rikorrenti krew l-appartament 39A, Triq il-Brolli, Birzebbugia fl-4 ta' Marzu 2018 ghal periodu ta' sitt xhur li sussegwentement gie imgedded ghal xahar iehor u ghalhekk skada fl-4 ta' Ottubru 2018.

2. Ra illi wara l-iskadenza tal-kuntratt, l-intimata baqghet ma vvakatx il-fond u ghalhekk giet interpellata permezz ta' Ittra legali datata 17 ta' Ottubru 2018 sabiex tivvaka mill-fond b/mod immedjat.

3. Ra illi sussegwentement, wara illi l-intimata naqqset milli tivvaka mill-fond, fit 30 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrenti intavolaw il-proeduri odjerni.

4. Ra illi fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2018, il-Bord gie mgharraf illi l-intimata kienet vvakat mill-fond ghalkemm ic-cwievet tal-fond kienu ghadhom fil-pussess taghha.

5. Ra illi l-intimata naqqset milli tidher illum sabiex tikkontesta t-talbiet illi saru kontra taghha.

6. Ghalhekk il-Bord iqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma misthoqqa.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra il-provi prodotti,

Wara illi ra illi l-intimata, debitament notifikata, naqqset milli tidher sabiex tikkontesta t-talbiet

**Tilqa** t-talba attrici, u ghalhekk

**Tordna** lill intimata sabiex tivvaka mill-fond Apt 39 A, Triq il-Brolli Birzebbugia fi zmien **hamest (5) ijiem millum**, wara liema periodu, r-rikorrenti huma awtorizzati sabiex jiehdu lura pussess tal-fond flimkien mal-oggetti kollha hemm inkluzi, u kwalsiasi spiza illi jinkorru sabiex isir dan, ikun a karigu ta' l-intimata.

**Spejjes** kif mitluba huwa dovuti mill-intimata lir-rikorrenti flimkien ma kwalsiasi spiza ohra kif fuq indikata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur